MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2008

Numru 695/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Vella**

**vs**

**Carmel Mallia**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Carmel Mallia ta’ 61 sena, iben missier mhux maghruf u Helena Mallia nee’ Mallia, imwieled nhar is-17 ta’ Gunju 1947 u residenti Flat 1, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Blokk D1, Ta’ Xbiex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 577747(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer u cioe’ nhar it-18 ta’ Gunju 2008, gewwa il-bini tal-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Bahar li jinsab

gewwa Triq Gulju, San Pawl il-Bahar, ghall-habta tas-1.05pm;

a) Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku li jkun qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuna ta' Dr. Victor Scerri LL.D. fil-kariga tieghu bhala prosekutur.

b) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded lill-istess Ufficjal Pubbliku bi kliem.

c) Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku b' ghajjat u glied.

d) Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi qal kliem oxxen fil-pubbliku.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Dr. Victor Scerri LL.D. billi torbot lill-hati b' obbligazzjoni tieghu nnfisu taht penali ta' somma flus li tigi ffisata kif jidrilha xieraq l-Onorabli qorti u dan ai terminu tal-artikolu 383 (1), (2) (3), tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 1 ta' Awwissu, 2008 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti

tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat (esebita *a folio* 4 tal-process), l-fatt li huwa skuza ruhu tal-akkadut u l-fatt li huwa ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikolu 251, 338 (dd), 338 (bb) u 339 (g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah minghajr kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------